MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 310/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**Adrian Zammit (ID nru 41180M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ ghaxart elef, seba’ mija u sitta u sebghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€10,776.55) bilanc ghad-debitu fil-Loan Accounts tal-konvenut mal-Bank of Valletta plc (Dok A1 sa A2 u Dok B1 sa B2, Dok C1 sa C2) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Lulju 2008 sad-data tal-effettiv pagament, liema loan gie moghti lill-konvenut permezz ta’ zewg skritturi privati datati fid-19 ta’ Jannar 2006 (Dok D) u fit-13 ta’ Novembru 2006 (Dok E).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati u cioe Dok D u E partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Adrian Zammit (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-sitess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fis-6 ta' Marzu 2008 (Dok F) u tal-Mandat ta' Sekwstru li gie prezentat kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 sa fol 17 kif markati skond ir-rikors promotur.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Novembru 2008 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €10,776.55 bl-imghaxijiet ulterjuri mill-31 ta' Lulju 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu 2008 u tal-mandat tal-sekwestru kawtelatorju tal-10 ta' Settembru 2008

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------